MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 284/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Daniel Lanzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Daniel Lanzon u persuna ohra talli:

1) Bejn il-11 u 13 ta' Settembru 2005, gewwa hal-Lija, Attard, Bormla w Imsida u gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

2) Fil-lejl bejn il-11 ta' Settembru 2005 u t-12 ta' Settembru 2005, serqu Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni DBB-464, ghad-dannu ta' Edward Wright ID 135874M, minn gewwa Mosta Road, Lija, liema serq huwa aggravat bl-ammont, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

3) Fit-12 ta' Settembru 2005, ghall-habta tal-05.00hrs, serqu Hyundai Excel bin-numru tar-registrazzjoni EBB-746, ghad-dannu ta' Ventur Co. Ltd., minn gewwa Farm House, triq L-Imdina, Attard, liema serq huwa aggravat bl-ammont, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

4) Fit-13 ta' Settembru, 2005, ghall-habta ta' 02.40 hrs, serqu ammont ta' flus li jaqbez l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux il-mitt liri Maltin (Lm100), minn gewwa l-imhazen tal-kumpanija Kee Klamps, Triq Marina, Msida, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess kumpanija liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

5) Fit-13 ta' Settembru, 2005, u fil-granet ta' qabel, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt liri Maltin (Lm100), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

6) Fit-12 ta' Settembru, 2005, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fil-karozza Land Rover DBB-464 ghad-dannu ta' Edward Wright, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin liri Maltin (Lm50);

7) Fit-12 ta' Settembru 2005, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fil-karozza Toyota Vitz NKI-247, ghad-dannu ta' Nikki Gatt, liema hsara hija aktar minn hamsin liri Maltin (Lm50);

8) Fit-12 ta' Settembru 2005, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fil-karozza Mercedes JAS-

964, ghad-dannu ta’ GG Auto Dealer, liema hsara hija ta’ aktar minn hamsin Liri Maltin (Lm50);

9) Bej il-11 u t-13 ta’ Settembru 2005, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, saqu vetturi u cioe` Land Rover DBB-464 u Hyundai Excel EBB-746 meta ma kinux koperti b’polza ta’ assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;

10) B’hekk Daniel Lanzon jitqies recidiv b’sentenzi datati 25/06/1998, 04/05/1999, 21/01/2000, 12/03/2003, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti moghtija b’sentenza fit-12/03/2003;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Daniel Lanzon hati tar-raba’ imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal sentejn prigunerija u ghas-sospensjoni minn kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar wara li jiskonta l-piena ta’ prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Daniel Lanzon pprezentat fid-19 ta’ Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn gie illiberat mir-raba’ imputazzjoni u fejn instab hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra u tirrevokaha fejn gie kkundannat sentejn prigunerija u sospiz minn kwalsiasi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jirreferi ghall-addebitu tar-recidiva u josserva: (1) illi huwa kellu trobbija difficli konsegwenti ghall-abbandun tieghu minn ommu u

z-zmien li ghamel f’Istituti; (2) ir-reati li dwarhom giet addebitata r-recidiva wettaqhom meta kien ghadu minorenni bhalma hu l-kaz tas-sentenza moghtija fit-12 ta’ Marzu 2003 li dwaru kien tqieghed taht probation, filwaqt li meta kkommetta r-reati li dwarhom inghatat is-sentenza tas-7 ta’ Ottubru 2005 kellu dsatax-il sena; (3) ghall-habta ta’ Awissu 2005 kellu disgwid mal-persuna li kienet qed tiehu hsiebu. L-appellant isostni illi ghandu jinghata l-opportunita` biex jirriforma ruhu minflok jigi appartat f’istituzzjoni karcerarja.

Dwar ir-recidiva din il-Qorti tinnota mill-ewwel li l-appellant gie akkuzat b’recidiva minhabba sentenzi tal-25 ta’ Gunju 1998, ta’ l-4 ta’ Mejju 1999, tal-21 ta’ Jannar 2000 u tat-12 ta’ Marzu 2003. Huwa veru li l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kollha, izda harsa lejn il-fedina penali ta’ l-appellant turi li huwa ma setax jinstab hati li sar recidiv minhabba dawk is-sentenzi. Difatti bis-sentenza tal-25 ta’ Gunju 1998 l-appellant inghata *conditional discharge* ghal perijodu ta’ tliet xhur skond il-Kap. 152, bis-sentenza ta’ l-4 ta’ Mejju 1999 l-appellant rega’ nghata *conditional discharge* ghal perijodu ta’ sitt xhur, bis-sentenza tal-21 ta’ Jannar 2000 l-appellant inghata canfira u twiddiba u bis-sentenza tat-12 ta’ Marzu 2003 l-appellant tqieghed taht probation ghal perijodu ta’ tliet snin.
Issa s-sentenza appellata nghatat wara ammissjoni inkondizzjonata li ghamel l-appellant fl-istess jum li fih tressaq b’arrest akkuzat bl-imputazzjonijiet suelenkati. Fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Fil-kaz in ezami, m’hemm l-ebda dubju li l-piena taqa’ fil-parametri tal-ligi. B’referenza ghat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 278(1)(2)(3) tal-Kap. 9 li jipprovdi ghall-piena ta’ prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjud bi grad, jigifieri li titla’ ghal seba’ xhur sa erba’ snin, u li ma tinghatax fil-*minimum* taghha (artikolu 278(1)(3) tal-Kap. 9), u liema piena tista’, skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9, tizdied bi grad ghal perijodu ta’ minn disa’ xhur sa hames snin jew zewg gradi ghal perijodu minn tlettax-il xahar sa sitt snin. Ma’ din il-piena trid tizdied, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, dik dwar is-sitt, is-seba’ u t-tmien imputazzjonijiet skond l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 ta’ prigunerija ta’ minn hames xhur sa sena, u f’liema kaz ukoll huwa applikabbli l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Oltre dan kollu hemm il-piena ghar-reati li dwarhom l-appellant instab hati bis-sentenza tat-12 ta’ Marzu 2003 u li dwarhom huwa kien tqieghed taht probation. F’dan ir-rigward pero` din il-Qorti tosserva illi mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellant pprezentata llum stess jidher illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta’ Mejju 2006, dik il-Qorti diga` ttrattat ma’ l-appellant ghall-ksur ta’ l-ordni ta’ probation moghtija bis-sentenza tat-12 ta’ Marzu 2003 u ghalhekk din il-Qorti ma tistax terga’ tittratta mieghu ghal tali ksur. Ghalhekk irid ikun hemm temperament fil-piena sabiex jigi rispekkjat dan il-fattur.

Issa, din il-Qorti tistqarr li hija tapprezza d-diffikultajiet li ghadda minnhom l-appellant fi tfulitu u f’zghozitu u m’ghandha l-ebda dubju li huwa jixtieq ibiddel hajtu. Tapprezza wkoll il-fatt li huwa rnexxilu jsib ghajnuna f’numru ta’ persuni. Sfortunatament huwa ma gharafx juzufruwixxi minn dik l-ghajnuna. U din il-Qorti ghandha wkoll d-dover li taghti protezzjoni lis-socjeta`. Inoltre skond l-artikolu 28A(7)(c) tal-Kap. 9, ma tistax tinghata sentenza sospiza meta reat ikun sar fil-perijodu ta’ *probation*. Hija pero` sejra taghti l-provvedimenti li jidhrilha opportuni sabiex l-appellant jinghata dik l-ghajnuna li jidher li huwa ghandu bzonn biex jithejja ghal meta eventwalment jirritorna fis-socjeta`.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-hdax-il imputazzjoni u minn dik l-imputazzjoni tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu sentejn prigunerija u minflok tikundannah ghal prigunerija ghal sena u nofs. Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna psikologika li jidher li l-appellant jehtieg kif ukoll l-ghajnuna mehtiega sabiex ikun jista' javvanza fl-istudji tieghu dwar l-informatika.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------